# ID-DAQQ TAL-QNIEPEN: TRADIZZJONI LI QED TNIN F'PAJJIŻNA



Apparti milli fl-antik, il-qniepen f'Malta kienu jservu għal kull ħtieġa ta' komunikazzjoni, kienu jkunu wkoll sinjal ta' rikkezza u għira bejn parroċċa u oħra. L-ikbar qanpiena f'parroċċa f'Malta hi dik tal-Bażilika ta' Sant'Elena f'Birkirkara, li tiżen tmien tunnellati. Din il-qanpiena hi l-akbar waħda li qatt ħadmet il-funderija ta' Prospero Barigozzi ta' Milan. Biex niġbor aktar tagħrif fuq il-qniepen, intervistajt lil Kenneth Cauchi, kampanologu ewlieni fil-gżejjer Maltin.

Minn Charles B. Spiteri

**Xi kemm ilhom jindaqqu l-qniepen u għaliex idoqqu?**

Il-qniepen ilhom jindaqqu, u għadhom jindaqqu, sa mill-ewwel żminijiet. Illum nistgħu ngħidu li qanpiena hi l-ekwivalenti tal-metodi ta' komunikazzjoni li għandna fil-preżent, għax qabel ma kinux jeżistu telefowns, mobiles, radji, televixins u għalhekk b'xi mod, in-nies riedu jikkomunikaw. U appuntu kienet tikkomunika bid-daqq tal-qanpiena.

Issa biex inkunu speċifiċi, jekk id-daqq tal-qniepen naqasx jew żdiedx, ikollna nammettu li llum naqas u r-raġuni hi li qabel, il-qanpiena kienet tintuża għal kull bżonn fir-raħal, anki biex jitolbu għax-xita; biex iħabbru l-mewt ta' jekk ikunx tifel jew tifla, hux raġel jew mara. Jekk mitux l-isptar jew f'darhom.

Il-Knisja riedet tikkomunika dan kollu lill-poplu, u l-mod li bih il-qanpiena kienet tindaqq kien jitfisser faċilment min-nies tal-irħula. Kienu ritwali differenti, neċessarji biex jgħaddi l-messaġġ.

Illum nieħdu l-aħbar ta' min miet minn fuq ir-radju u m'għadux neċessarju d-daqq tal-qniepen, għax ħadd m'għadu jagħti kasu. B'hekk, dak id-daqq sar estint. Għalhekk naraw li llum mhux naqas id-daqq għax lin-nies m'għadhomx jogħġbuhom il-qniepen, iżda għax naqset il-ħtieġa tal-komunikazzjoni kif kienet bil-qniepen.

Issa bħala eżempju: immaġina qanpiena li tintuża għal kull messaġġ u f'salt wieħed tinqasam! Hi ekwivalenti bħalma llum tinsa l-mobile d-dar: tħossok mitluf, ma tistax tikkomunika. U l-istess il-qanpiena.

Għall-parroċċa, inċident ta' qanpiena miksura kien ifisser ġenn sfrenat. Jaraw kif jagħmlu biex idewbuha u jagħmlu oħra ġdida biex mill-aktar fis jerġgħu jkollhom mill-ġdid il-mezz ta' komunikazzjoni fir-raħal.

**Xi kemm ikollha qniepen kull knisja parrokkjali?**

Hemm diversi. Pereżempju l-kappelli, normalment ikollhom qanpiena waħda. Ikollhom il-grabja, qisha arkata żgħira u fiha qanpiena żgħira li taqdi l-ħtiġiet kollha. Iżda l-parroċċi jkollhom bejn ħames u seba' qniepen. Ikollhom iż-żgħar, li jintużaw għar-ritwali ta' kuljum u l-kbar li jintużaw b'inqas frekwenza, normalment għat-tħabbira tal-Anġelus - erba' darbiet kuljum: tlugħ ix-xemx; fit-tmienja u f'nofsinhar, fl-Ave Marija jew inżul ix-xemx - u tal-imwiet li tkun siegħa wara nżul ix-xemx. Dawn jindaqqu bit-tieni l-akbar qanpiena. Fil-ġranet ta' festa, jindaqqu bil-qanpiena l-kbira, biex issir distinzjoni bejn is-solennità u d-daqq ta' kuljum.

**U l-kbira tindaqq fil-festi biss?**

Normalment iva, għalkemm hemm irħula fejn il-qanpiena l-kbira tintuża kuljum, bħall-Imqabba, iż-Żurrieq u l-Qrendi. Niftakru li l-qanpiena l-kbira hi aktar solenni mill-qniepen l-oħrajn. Hawn imbagħad min jerfagħha għall-festi biss.

**Bħal ta' Birkirkara?**

Ta' Birkirkara għal raġunijiet oħra, għax ma tindaqqx minn isfel u trid bilfors titla' fil-kampnar.

**Ngħid sew li fl-antik, ċerti qniepen kienu jsiru lokalment?**

Iva. Ħafna mill-qniepen li għandna f'Malta saru f'Malta stess. Hawn kellna lill-Ordni ta' San Ġwann, li kien ordni militari u kellu bżonn l-armamenti, u għalhekk waqqaf dipartiment fi ħdanu – il-Funderija tal-Ordni, li kienet tissejjaħ ukoll il-Ferrerija, kelma ġejja minn *ferro*, li tfisser ħadid bit-Taljan. Naturalment il-qniepen huma magħmulin mill-bronż, iżda x-xogħol kollu tal-metall, kien isir fil-ferrerija. U din kienet tinsab fil-Belt, quddiem it-Teatru Rjal, peress li l-Belt kienet imdawra bis-swar u toffrilha protezzjoni kemm jista' jkun. Infatti llum il-bini hu magħruf bħala Palazzo Ferreria.

Il-ħaddiema tal-ferrerija kienu jitqabbdu mill-Ordni u ġeneralment jibqgħu appuntati sal-mewt. Issa, sakemm damet l-Ordni f'Malta, il-qniepen kienu jiffondew fil-ferrerija tal-Belt.

Meta kien ikun hemm knisja li tiflaħ tħallas, ġieli ġabu qniepen ukoll minn barra, fosthom minn Venezja. Qed nitkellmu għall-knejjes tal-Isla u Bormla u l-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt, li kienu ta' stoffa, jifilħu jħallsu u jiftaħru.

Bormla u l-Isla ġabu l-qniepen mill-Canciano della Venezia, li bħalhom hemm fil-Bażilika ta' San Mark, f'Venezja stess, filwaqt li ta' San Pawl ordnaw tagħhom mill-funderija rikka ta' Bernardo u ibnu Giacomo Zam f'Ġenova kif ukoll il-famuż Karlu Moreni ta' Firenze.

Kif intemmet l-Ordni, il-ferrerija spiċċat mingħajr kap u l-mastru funditur li kien responsabbli qabel għalqet, li kien wieħed mill-aħwa Trigance – Triganza bil-Malti – insibuh jitkeċċa mill-funderija u jarma f'Birkirkara u fonda l-ikbar żewġt iqniepen ta' Birkirkara (apparti mill-qanpiena l-kbira li hemm) fl-1810, kważi 12-il sena wara t-tkeċċija tal-Ordni. Dawn il-qniepen għadna ngawduhom sal-lum, u magħrufin bħalha ż-żgħira, tas-sittax, tat-tletin u l-antika.

Wara dik l-epoka nsibu fundituri Sqallin li ġew Malta, għax ma kienx hawn aktar fundituri kapaċi u ħadmu l-qniepen hawn stess. Dawn kienu l-familja Leotta u waqqfu l-funderija tagħhom f'Għajn Dwieli, biex ikunu viċin tat-Tarzna u jiksbu l-materjal minn hemm. Daħħlu xi apprendisti Maltin magħhom, u eventwalment beda jmexxi wieħed minnhom, Salvu Cauchi minn Bormla, li daħħal miegħu lil uliedu wkoll. Baqa' Ġulju Cauchi biss, li fonda bosta qniepen f'Malta. Meta miet, fl-1904, waqfet ħesrem il-funderija lokali u bdejna naraw l-importazzjoni tal-qniepen mill-Ewropa, ġejjin minn funderiji state of the art u ta' qies kbir.

Fost dawn insibu dik ta' Sant'Elena ta' Birkirkara, fonduta f'Milan, imbagħad għandna s-sett ta' Ħal Lija, mill-funderija Ingliża John Taylor, b'eċċellenza wkoll fil-kwalità fejn jidħol l-intunar tal-qniepen. Hemm ta' Ħal Balzan, li hu pass 'il bogħod, bi qniepen li saru b'pika ma' ta' Ħal Lija, u naturalment sa ċertu punt anki Ħal Lija kienu ppikati ma' Birkirkara. Jiġifieri f'distanza żgħira nsibu qniepen ta' tlieta mill-aqwa funderiji u li huma legat kampanoloġiku rikk. Jien inħossni turist f'pajjiżi fejn jidħlu l-qniepen, għax tant hawn x'tara u x'tisma', bl-eċċellenza u l-kobor tagħhom – ħafna minnhom ta' aktar minn erba' tunnellati. F'pajjiżi barranin, qanpiena ta' tunnellata, titqies b'qanpiena kbira. F'Malta, il-medja ta' qanpiena hi ta' tlieta, erba' tunnellati.

**Hemm qniepen li jdoqqu l-kwarti, in-nofs sigħat u s-sigħat. Dawn huma l-istess qniepen tal-kampnari?**

Ħafna mill-qniepen li jdoqqu kull kwarta fl-arloġġ, huma l-istess qniepen li jindaqqu waqt il-moti. Jiġifieri l-qniepen li jintużaw għas-servizz reliġjuż, ħafna drabi jkunu l-istess qniepen li jdoqqu għall-arloġġ. Għas-servizz tal-knisja tindaqq bl-ilsien minn ġewwa, u għall-arloġġ ikollha martell minn barra u tindaqq mill-magna tal-arloġġ innifisha.

**Insibu qniepen differenti fi knejjes, li jkollhom l-istess noti?**

Mhux suppost, iżda iva nsibu. F'Birkirkara hemm dik imsejħa tas-sittax u l-Għawdxija, li huma kważi identiċi; f'Ħaż-Żebbuġ; fin-Nadur Għawdex; il-qniepen l-antiki tal-Katidral ta' Għawdex; dawk l-antiki f'Ħal Lija huma kważi l-istess. Dawn kollha kienu suġġetti għall-problema li funditur ma' ieħor ma kinux kapaċi jqabblu x-xogħol tagħhom. Bejniethom infushom kienu jqabblu, iżda meta jiġu biex jagħmlu waħda flok oħra, ma jaslux. L-iktar fundituri kolpevoli f'dan id-dnub kienu l-aħwa Trigance. Biex tqabbel ma' fundituri oħra hi speċjalizzazzjoni partikulari. L-iktar każ ambigwu ġara fin-Nadur meta Leotta għamel żewġ qniepen bi kważi l-istess nota. Huwa ambigwu għax ma kellu l-ebda sfida li jqabbel ma' xogħol ħaddieħor.

**X'tista' tispjegali fuq il-moti? Naf li hemm dawk ta' ferħ u ta' diqa bħal ta' żmien l-Għid u r-Randan, iżda kif jintgħarfu minn dawk li ma jifhmux?**

Mota tfisser perjodu ta' daqq, bħal mota ta' għaxar minuti jew mota ta' nofs siegħa, li hu daqq ta' għaxar minuti jew nofs siegħa. B'hekk il-mota hi d-daqq ta' aktar minn qanpiena waħda. Mota b'qanpiena waħda ma teżistix. Għall-inqas irid ikollok żewġ qniepen. Issa moti hawn diversi u d-differenza minn waħda għall-oħra, bażikament hi t-tul mill-bidu sat-tmiem.

Issa skont it-tul tagħhom hu l-użu għalihom. Pereżempju l-mota tal-purċissjoni hi l-itwal waħda, għax tkun minn xħin toħroġ sa xħin tidħol. Imbagħad ikun hemm il-mota ta' nofsinhar għall-festi ferjali. Matul is-sena hemm moti ta' għaxar minuti, li jdoqquhom minn isfel u minn fuq: minn isfel għal matul is-sena u minn fuq, fis-solennità. Normalment, meta jibdew deħlin is-solennitajiet, pereżempju f'nofsinhar, flok titla' għal mota ta' kwarta jew ta' għaxar minuti, tagħmel dawk li ngħidulhom tliet moti; tibda minn nofsinhar fi tliet perjodi, li jkunu minn nofsinhar sa nofsinhar u għaxra; minn u kwart san-nofs siegħa neqsin ħamsa u minn u nofs sa nieqes kwart, għax tal-aħħar tkun kwarta preċiż. Dak meta jindaqqu tliet moti u tkun trid turi li tkun festa aktar min-normal, iżda mhix solennità. Imbagħad hemm is-solennitajiet: it-titulari, il-Milied, l-Aħħar tas-Sena eċċ. Hemm iddoqq erba' moti flok tlieta; pereżempju minn nofsinhar sas-siegħa: mela trid tqassam tliet għaxar minutijiet u l-aħħar waħda ta' kwarta.

**Mela ġeneralment titla' fil-kampnar u tibqa' hemm, hux hekk?**

Mhux neċessarjament, għax għal siegħa daqq ma toqgħodx hemm. Il-problema hi li fil-festi, ġieli jkollok aktar minn siegħa daqq, jiġifieri flok minn nofsinhar sas-siegħa ġieli ssib min idoqq minn nofsinhar sas-sagħtejn u flok mota ta' għaxar minuti jew kwarta tkun ta' erba' ħamsa u għoxrin minutijiet jew nofs sigħat.

**U d-daqq hu dejjem l-istess?**

Ħafna drabi iva. Id-differenza tkun fil-perjodu minn qanpiena għall-oħra. Iżda hemm studju kif isir id-daqq. Ma tistax tkun għaddej mit-triq u tgħid... ħa mmur indoqq.

**X'tipi oħra ta' daqq hemm: pereżempju tal-mewt, ta' nhar ta' Ġimgħa eċċ?**

Kif għedt qabel, il-mod ta' kif jindaqqu l-qniepen, jibagħtu messaġġ differenti. Illum din il-lingwa nqerdet. Inutli tipprova l-forom għax ħadd mhu se jifhmek. U allura ħafna minn dan id-daqq, illum spiċċa. Iżda d-differenza bażika bejn il-kumplament tal-moti għadha tindaqq; bħal fis-Sanctus. Għalih jindaqqu numru ta' tokki, ġeneralment bl-akbar żewġ qniepen, li jalternaw bejniethom, biex min hu barra mill-knisja, ikun jaf f'liema punt waslet il-funzjoni. Issa d-daqq tal-qniepen sar bħal-lingwa Latina – li qajla fadal min jifhimha, għalkemm għadhom jitkantaw l-antifoni. U wkoll id-daqq tal-qniepen, qed iwassal lingwa, li wieħed jew jafha jew ma jafhiex.

**Id-daqq tal-qniepen f'Għawdex hu l-istess bħal f'Malta?**

F'Għawdex ivarja ftit. Anki t-tokki ta' qabel il-mota, li tissejjaħ rifsa, f'Malta, fis-solennitajiet dejjem tindaqq bit-tieni l-akbar qanpiena; f'Għawdex le. Hemm tindaqq b'tokk b'kull qanpiena mill-kbira saż-żgħira.

**Għad-daqq tal-patruni jsir iktar daqq. Xi jkun ifisser?**

Kif spjegajt, li tagħmel distinzjoni bejn il-festi tal-prima klassi għal dawk sekondarji.

**Il-puntwalità fil-ġbid tal-ħabel, kemm hi neċessarja?**

Hi meħtieġa, iżda l-aktar meta tibda u meta tispiċċa. Waqt id-daqq stess, biex l-ilsien jasal min-naħa għall-oħra tal-qanpiena, mhix kwistjoni ta' puntwalità, iżda ta' kemm il-persuna li qed iddoqq hi kapaċi żżomm it-temp billi tikkontrolla lill-ilsien iħabbat b'uniformità fuq iż-żewġ naħat u mhux naħa daqqa qawwija u l-oħra daqqa dgħajfa. Trid taqbad art ta' kif tirrispondi l-qanpiena u taġġusta jdejk għad-daqqa tagħha.

Għalhekk trid tinnota l-karatteristiċi tal-ilsien – pereżempju l-qanpiena tkun ftit maqluba 'l barra u għalhekk l-ilsien jaqleb ukoll. Mela tkun trid tgħinu fuq ġewwa u fuq barra żżommlu ftit. Jekk ma tagħmilx hekk, se tiġbed 'il ġewwa u ma tolqotx u barra jinstabatlek. U d-daqqa ġeneralment tkun tridha uniformi.

Issa normalment kull qanpiena għandha l-karatteristiċi tagħha, jiġifieri int trid tkun flessibbli ma' kull qanpiena li tħoss il-fil dakinhar u taġġusta ruħek dak il-ħin biex iddoqqha tajjeb.

**U dan ix-xogħol trid tippruvah dak il-ħin, għax ma tistax iddoqq qniepen qabel, hux?**

Iva, dik hi t-tensjoni tad-daqq tal-qniepen; qabel aktar mil-lum, għax illum in-nies qajla tagħti kas.

**Liema huma l-aħjar qniepen biex wieħed idoqq?**

Għal min se jibda jdoqq, huma l-qniepen tan-nofs, għax iż-żgħira hi l-aktar waħda diffiċli, għax l-ilsien hu ħafif u m'għandekx kontroll fuqu. Min-naħa l-oħra l-kbira hi diffiċli mod ieħor għax l-ilsien hu tqil u trid saħħa ta' barri biex tikkontrollah flok jikkontrollak hu.

**Hemm ħtieġa ta' xi kura lill-qniepen kull tant żmien?**

Jeħtieġu, bħal kull oġġett. Normalment mhux il-qanpiena li jkollha bżonn il-kura, iżda l-ilsien tagħha, jew biex ngħidu hekk il-fittings tagħha li hu t-travu bis-suspending D-shackles, imnejn tkun merfugħa l-qanpiena, fejn maż-żmien, il-ħadid mal-bronż jittiekel u tiġri l-ħsara. B'hekk, dak li jkun irid joqgħod attent għal dan u jbiddel il-fittings, għax malajr jaf jaqa' l-ilsien. L-istess nista' ngħid għall-pinnijiet li jgħaddu mill-kuruna li terfa' l-qanpiena.

**Meta nsemmu qanpiena kbira, qed nirreferu għal ammont kbir ta' flus?**

Dażgur. Normalment, qanpiena kienet tkun ta' tunnellata jew tunnellata u nofs u l-aktar żewġ tunnellati. Ta' Birkirkara hi qanpiena ta' tmien tunnellati u dan kien jindika li kienet parroċċa kbira u naturalment sinjura.

**Iżda kieku kellna nikkumparaw maż-żminijiet tal-lum, ifisser eluf kbar?**

Iva, qanpiena ta' tliet tunnellati, trid miżerjament qrib il-€100,000. Iżda dawn kienu jkunu flus fuq qanpiena li sservik bejn 500 u 700 sena; jiġifieri ara kemm se sservi.